

Brussell, 25 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16124/24

JEUN 281
SOC 863
EMPL 588
AGRI 829
SUSTDEV 127
EDUC 441

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-għoti ta' opportunitajiet lokali għaż-żgħażaġħ li jgħixu f'żoni rurali u remoti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-25 u s-26 ta' Novembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-ġhoti ta' opportunitajiet globali għaż-żgħażaġħ li jgħixu f'żoni rurali u remoti

**IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI
MLAQQGħIN FIL-KUNSILL,**

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu LI

1. Il-komunitajiet rurali għandhom rwol essenzjali sabiex imexxu 'l quddiem il-viżjoni tal-Unjoni Ewropea u parti ewlenija tal-identità tal-Unjoni. Kif iddikjarat fil-Viżjoni fit-tul tal-Kummissjoni Ewropea għaż-Żoni Rurali tal-UE¹, "[i]ż-żoni rurali tagħna huma n-nisġa tas-soċjetà tagħna u l-qalb tal-ekonomija tagħna" u għalhekk jeħtieġu attenzjoni akbar. Id-diversità tal-pajsaġġ, il-kultura u l-wirt hija waħda mill-aktar karatteristiċi importanti u notevoli tal-Ewropa taż-żoni rurali u remoti. L-għajxien f'dawn iż-żoni jista' joffri bosta benefiċċji, inkluż kwalità tal-ħajja aħjar, it-tgawdija tan-natura u l-bijodiversità, anqas tniġġis, possibbilment spejjeż tal-għajxien aktar baxxi, ambjent aktar sikur² u komunitajiet aktar b'saħħithom.

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040 (Komunikazzjoni dwar l-LTVRA) COM/2021/345 final.

² Statistika Online tal-Eurostat: Ewropa urbana-rurali - kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali 2022.

2. Sal-2040, l-Unjoni Ewropea (UE) taspira li jkollha komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, aktar interkonnessi, reżiljenti u prosperi³. Minkejja l-isforzi attwali, jeżistu disparitajiet sinifikanti bejn iż-żoni rurali u urbani, minkejja li 137 miljun persuna, madwar terz tal-popolazzjoni tal-UE, jgħixu f'żoni rurali⁴. Għalkemm il-komunitajiet rurali huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni ekonomika u soċjali, ħafna drabi jiġu affettwati wkoll mid-depopolazzjoni, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh. Konsegwenza ta' dan, proporzjon akbar tal-popolazzjoni li tgħix fiż-żoni rurali u remoti tal-UE qed tiffaċċa sfidi soċjoekonomiċi.
3. Il-vantaġġi tal-ġhajxien f'żoni rurali u remoti jistgħu jiġu megħluba mill-isfidi, inkluż, fost l-oħrajn, inqas opportunitajiet ta' impjieg, infrastruttura aktar dgħajfa (li tikkonċerna l-enerġija, it-trasport, il-mobbiltà u l-informazzjoni), aċċess u disponibbiltà aktar baxxi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità fil-livelli kollha, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, is-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa jew l-isport, l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment. Riżultat ta' dan, ħafna drabi ż-żgħażaġh, jistgħu jagħżlu li jitilqu minn żoni rurali u remoti għal opportunitajiet aħjar. Dan jista' jwassal għal bidliet importanti fl-istrutturi demografiċi f'żoni ġeografiċi partikolari.⁵
4. Għalkemm l-opportunitajiet taż-żgħażaġh huma definiti mir-realtajiet lokali tagħhom, ix-xejriet globali, bħat-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, il-kwistjonijiet tas-saħħa mentali, l-opportunitajiet ta' impjieg u edukazzjoni, l-inugwaljanzi ekonomiċi u oħrajn, għandhom effett dejjem akbar fuq ħajjithom. Għaż-żgħażaġh rurali, l-opportunitajiet glokali⁶ joffru l-potenzjal biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ambjenti immedjati tagħhom u l-perspettiva globali usa' bit-tfassil ta' strateġiji u soluzzjonijiet li jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet lokali tagħhom.⁷

³ Konklużjonijiet dwar Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE (LTVRA), 15631/23.

⁴ "Iż-żoni rurali jirrappreżentaw 83 % tat-territorju tal-UE. Iż-żoni rurali jammontaw għal 341 miljun ettaru (m ħa), li jirrappreżentaw 83 % tal-erja totali tal-art tal-UE. Aktar minn nofs din l-erja tal-art rurali hija remota, li jfisser li tinsab 'il bogħod mill-bliet. Il-bliet, l-irħula u s-subborgi flimkien jammonataw għal 17 % tal-erja totali tal-art (70.3 m ħa)."
Komunikazzjoni dwar l-LTVRA. SWD (parti 1).

⁵ Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea: L-Annwarju Reġjonali tal-Eurostat – Edizzjoni 2023 (Eurostat Regional Yearbook – 2023), 2023.

⁶ It-terminu "glokali" huwa definit aktar fl-Anness I.

⁷ Komunikazzjoni dwar l-LTVRA.

5. Ir-ruralità mhijiex kunċett, ambjent jew ċirkostanza uniformi⁸. Iż-żoni rurali u remoti jospitaw komunitajiet diversi u vivaċi ta' żgħażaġh bi ħtiġijiet u sfidi differenti. Din id-diversità teħtieġ tweġibiet u soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet reġjonali u lokali li jqisu l-ħtiġijiet u r-riżorsi uniċi ta' kull żona. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqiesu l-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, peress li spiss l-insularità u l-iżolament tagħhom għandhom it-tendenza li jampifikaw id-distakk bejn iż-żoni urbani u rurali. Huwa essenzjali wkoll li jiġi ggarantit trattament ekwu u l-involviment sħiħ taż-żgħażaġh kemm f'ambjenti rurali kif ukoll urbani u li wieħed jifhem id-differenzi u jnaqqas id-distakk rurali-urban fejn jeżisti inkluż billi jissaħħu l-konnessjonijiet bejn iż-żoni rurali u urbani fl-Istati Membri kollha.
6. Għalkemm hemm attenzjoni diversa u wiesgħa fuq iż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea, hemm perċezzjoni li l-biċċa l-kbira tal-politiki mmirati lejn iż-żgħażaġh ma jpoġġux biżżejjed enfasi fuq l-aspetti rurali u li l-politiki rurali jistgħu ma jissodisfawx il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi taż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali, remoti, periferiċi, inqas żviluppati u reġjuni ultraperiferiċi^{9,10}.

⁸ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Sommarju eżekuttiv tal-evalwazzjoni tal-impatt tal-Politika Agrikola Komuni fuq l-iżvilupp territorjali taż-żoni rurali {SWD(2021) 398 final}.

⁹ EU-Council of Europe Youth Partnership: Young people in rural areas: diverse, ignored and unfulfilled.

¹⁰ L-Artikoli 174 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu l-istatus speċifiku ta' żoni rurali, reġjuni ultraperiferiċi, żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħal per eżempju r-reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi. F'dan id-dokument, ir-referenzi għaż-żoni rurali u remoti jinkludu wkoll iż-żoni periferiċi u inqas żviluppati u jitqiesu wkoll ir-reġjuni ultraperiferiċi.

7. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027¹¹, bħala qafas għall-kollaborazzjoni Ewropea dwar il-politiki taż-żgħażaġh, u l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġh¹² jiffukaw fuq oqsma fundamentali li jikkonċernaw il-parteciġpazzjoni, l-involviment, u l-kontribut sinifikanti taż-żgħażaġh fis-soċjetà. L-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #3 jiffoka fuq soċjetajiet inklużivi, u johlq ambjenti aċċessibbli u miftuħa għaż-żgħażaġh kollha, filwaqt li l-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #6 jiffoka fuq il-ohlqien ta' żoni rurali fejn iż-żgħażaġh jistgħu jissodisfaw il-potenzjal tagħhom¹³.
8. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żieda ta' opportunitajiet għaż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti¹⁴ enfazzjaw l-importanza tal-opportunitajiet lokali, u l-promozzjoni ta' approċċi transsettorjali u stiednu lill-Istati Membri tal-UE biex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw iċ-ċittadinanza attiva u l-parteciġpazzjoni sinifikanti miż-żgħażaġh fid-diversità kollha tagħhom f'żoni rurali u remoti fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet rilevanti kollha, speċjalment dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom.
9. L-isfidi relatati mal-inklużjoni soċjali f'żoni rurali u remoti jistgħu jkunu marbuta mad-disponibbiltà u l-aċċess għall-art, l-infrastruttura, it-teknoloġiji diġitali, l-informazzjoni u s-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, l-edukazzjoni, il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-opportunitajiet ta' impjieg kif ukoll il-livell ta' parteciġpazzjoni fil-proċessi rilevanti kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-iżgurar ta' aċċess ugwali għal opportunitajiet għal kulħadd, mingħajr ebda forma ta' diskriminazzjoni huwa essenzjali.

¹¹ Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019–2027 (2018/C 456/01).

¹² Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019–2027 (2018/C 456/01).

¹³ Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 189, 5.6.2019.

¹⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-ohlqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti, ĠU C 193, 9.6.2020.

10. Il-ħames Strateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza adottati mill-Kummissjoni fl-2020 u fl-2021¹⁵, kif ukoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali¹⁶, jissottolinjaw l-importanza ta' approċċ intersezzjonali. Dawn id-dokumenti jenfasizzaw, li l-individwi jistgħu jappartjenu għal grupp wieħed jew aktar f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fl-istess ħin u juru l-ħtieġa li jiġu miġġielda forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni. Dawn jista' jkollhom impatt kbir fuq iż-żgħażaġh, inkluż dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti, li mhumix grupp omoġenju, u "għandhom għadd kbir ta' identitajiet, ħtiġijiet, riżorsi, sfondi, sitwazzjonijiet tal-ħajja u interessi diversi, u jiffaċċaw diversi sfidi u opportunitajiet¹⁷."
11. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali taż-żgħażaġh¹⁸ fl-Unjoni Ewropea jidentifikaw il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi relatati mal-prevenzjoni, il-promozzjoni u l-appoġġ fil-qasam tas-saħħa mentali taż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali jew remoti.¹⁹

¹⁵ Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030; Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025; Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025; Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025; Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030.

¹⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, (Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali) COM(2023) 298 final.

¹⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar soċjetajiet inklużivi għaż-żgħażaġh, ĠU C, C/2024/3808, 27.6.2024.

¹⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali taż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea. ĠU C, C/2023/1337, 30.11.2023.

¹⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, COM(2023) 298 final.

12. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali²⁰ jirrikonoxxu "li l-problemi tas-saħħa mentali huma assoċjati ma' bosta forom ta' inugwaljanzi, bħal, pereżempju, persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, minoranzi, gruppi emarġinati u dawk f'sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi żvantaġġati inkluż dawk li jgħixu f'servizzi ta' kura fit-tul, dawk li jesperjenzaw solitudni u iżolament soċjali, it-tfal u ż-żgħażaġh, l-anzjani, in-nisa, il-persuni LGBTI²¹, il-pazjenti bil-kanċer, il-persuni b'diżabilità, ir-refuġjati, il-migranti, il-priġunieri u l-persuni mingħajr dar".
13. In-nisa u l-bniet huma vitali għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali u remoti, u jgħibu valur miżjud għall-komunitajiet lokali. Ta' spiss dawn huma l-ixprunaturi tal-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni, u l-iżvilupp ta' opportunitajiet godda²². Madankollu, dawn ir-rwoli huma spiss injorati jew inviżibbli. Ħafna nisa u bniet f'żoni rurali u remoti għadhom jiffaċċjaw sfidi relatati mal-impjiegi, l-intraprenditorija, l-edukazzjoni ta' kwalità u opportunitajiet ta' taħriġ, il-kondiviżjoni inugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura, l-aċċess għall-art, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura fit-tul kif ukoll is-servizzi tal-kura tas-saħħa, u rappreżentanza insuffiċjenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet.^{23,24}

²⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali, 15971/23, il-paragrafu 24.

²¹ Ara l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020) 698 final).

²² European Investment Bank, Support for female entrepreneurs: Survey evidence for why it makes sense, November 2022, ISBN: 978-92-861-5378-5.

²³ Komunikazzjoni dwar l-LTVRA.

²⁴ Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Id-Disa' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali (id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni), Marzu 2024.

14. L-UE tirrikonoxxi li t-tibdil demografiku huwa, fost l-oħrajn influwenzat mill-ġhażliet tal-ħajja li jagħmlu l-individwi u l-familji u tenfasizza l-ħtieġa għal politiki pubbliċi ta' appoġġ biex iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom. Il-Komunikazzjoni dwar "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni"²⁵ tenfasizza b'mod partikolari, il-ħtieġa kritika li l-ġenerazzjonijiet żgħażaġh jingħataw appoġġ fl-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, akkomodazzjoni affordabbli, u standards tal-ġhajxien diċenti.
15. Ir-reġjuni rurali u inqas żviluppati jistgħu jiffaċċjaw b'mod partikolari popolazzjoni li qed tixjieħ, livell edukattiv milħuq baxx, tnaqqis fil-forza tax-xogħol, emigrazzjoni taż-żgħażaġh u riskju li jaqgħu f'"nassa tal-iżvilupp tat-talenti"²⁶, li timmina l-kapaċità tagħhom li jibnu ekonomiji sostenibbli kif ukoll tfixxkel il-kompetittività u t-tkabbir tagħhom. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Isfruttar tat-Talent fir-Reġjuni tal-Ewropa" tiddekrivi l-ħtieġa li dawn ir-reġjuni jiġu trasformati f'ekonomiji vibranti u xprunati mit-talenti, filwaqt li jibnu fuq il-punti lokali b'saħħithom tar-reġjuni rurali. Biex jiġi indirizzati dawn l-isfidi jenħtieġ appoġġ imfassal apposta biex jagħti s-setgħa liż-żgħażaġh, itejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi, itejjeb l-aċċess għall-innovazzjoni u l-faċilitajiet ta' taħriġ, jinvesti fil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjiegi ta' kwalità u jippromwovi l-inklużjoni soċjali. L-iżgurar li n-nies li jgħixu f'żoni rurali u remoti, inklużi iż-żgħażaġh, ikollhom l-opportunità li jirnexxu huwa essenzjali biex jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali madwar l-UE.^{27,28}

²⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni (Is-Sett ta' Għodod tad-Demografija tal-Kummissjoni), COM/2023/577 final.

²⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa (Komunikazzjoni dwar l-Isfruttar tat-talent), COM/2023/32 final.

²⁷ Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Id-Disa' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali (id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni), Marzu 2024.

²⁸ Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea: l-Annwarju Reġjonali tal-Eurostat – Edizzjoni 2023.

16. Il-politika ta' koeżjoni u, fil-kuntest rurali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għandhom rwol importanti fl-appoġġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni fl-isforz tagħhom biex jippermettu riflessjoni aħjar dwar sfidi multipli ta' żvilupp, ħtiġijiet ta' riforma u disparitajiet soċjoekonomiċi u territorjali differenti billi jidderieġu appoġġ immirat li jiffoka fuq il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull reġjun. Filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-impatt asimmetriku tal-isfidi ppreżentati mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, it-trasformazzjoni demografika, it-tibdil fix-xejriet ekonomiċi globali jew it-tibdil fil-klima, l-immappjar tal-infrastruttura, il-kapital uman u l-ħtiġijiet tas-servizzi jistgħu jiffaċilitaw programmazzjoni aktar effiċjenti tal-fondi tal-UE fir-reġjuni ultraperiferiċi, skarsament popolati, il-gżejjer, ir-reġjuni muntanjużi, u dawk tal-fruntiera, u ż-żoni rurali. Dan jista' jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-opportunitajiet ta' impjieg u għat-tisħiħ fl-educazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali, inkluż permezz tal-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni, li jagħmel lir-reġjuni rurali u remoti postijiet aktar attraenti għall-għajxien u x-xogħol, u b'hekk jiżgura l-iżvilupp sostenibbli tagħhom.²⁹

²⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-9a Rapport ta' Koeżjoni (Komunikazzjoni dwar id-9a Rapport ta' Koeżjoni) COM (2024) 149 final u d-Disà Rapport dwar il-Koeżjoni.

17. Il-Pjan ta' Azzjoni Globali "Deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Biedja mill-Familji (2019-2028)³⁰ jenfasizza li biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ġenerazzjonali tal-biedja mill-familji, huwa essenzjali li ż-żgħażaġh, b'mod partikolari n-nisa żgħażaġh, jingħataw is-setgħa billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-art, ir-riżorsi naturali, l-informazzjoni, l-edukazzjoni, l-infrastruttura, is-servizzi finanzjarji, is-swieq, u l-involviment fil-proċessi tat-tfassil tal-politika relatati mal-biedja. Billi jiffaċilitaw it-trasferiment interġenerazzjonali, il-bdiewa żgħażaġh jistgħu jħalltu l-għarfien tradizzjonali u lokali ma' prattiki innovattivi biex jippromwovu r-rwol kruċjali tagħhom fl-iżvilupp rurali inklużiv. Ix-xejra negattiva tal-popolazzjoni tal-bdiewa li qed tixjieħ tista' tipperikola l-vijabbiltà taż-żoni rurali, u għalhekk it-tisħiħ tal-forom ta' appoġġ għall-bdiewa u l-intraprendituri żgħażaġh, l-għajjuna biex jibdew attivitajiet agrikoli, l-inċentivi għat-trasferiment tal-azjendi agrikoli u agrikoltura aktar attraenti għall-ġenerazzjoni żagħżuġha flimkien mal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jista' jkollhom rwol importanti fit-tiġdid ġenerazzjonali.
18. Ir-"Rakkomandazzjoni dwar il-Ħolqien ta' Opportunitajiet Aħjar għaż-Żgħażaġħ" tal-OECD tappella għal miżuri mmirati biex jappoġġaw liż-żgħażaġh f'ċirkostanzi vulnerabbli u żvantaġġati. Dan jinkludi l-provvista ta' servizzi soċjali, tas-saħħa, tal-akkomodazzjoni u tal-impjiegi integrati mfassla apposta għall-kuntesti lokali. Ir-rakkomandazzjoni tenfasizza l-importanza tal-investimenti fl-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, u s-saħħa għaż-żgħażaġh rurali, flimkien mal-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati, biex jinħolqu ambjenti ta' appoġġ għas-suċċess tagħhom.³¹

³⁰ FAO u IFAD. 2019. United Nations Decade of Family Farming 2019-2028. Global Action Plan. Rome.

³¹ OECD, Recommendation of the Council on creating better opportunities for young people, Meeting of the Council at Ministerial Level, 9-10 June 2022, JT03497457.

19. Madwar l-Ewropa, il-kapaċità inadegwata tar-reġjuni rurali li jattiraw it-talent³² jew l-aċċess għall-infrastruttura u s-servizzi ta' kwalità relatati mal-ħajja ta' kuljum joħlqu ostakli sostanzjali għall-benesseri u l-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żgħażaġh rurali. Dan jista' jillimita l-konnettività taż-żgħażaġh rurali u l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, is-servizzi soċjali, il-ħidma fost iż-żgħażaġh, il-kultura, l-isport u l-attivitajiet ta' divertiment, jimpedixxi l-opportunitajiet soċjoekonomiċi tagħhom u għalhekk il-libertà tagħhom li jibqgħu³³.
20. Ħafna żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti qed jiffaċċjaw ostakli fir-rigward tal-aċċess għat-tagħlim u n-nuqqas ta' għarfien dwar l-opportunitajiet relatati mas-servizzi u l-pjattaformi diġitali, li jikkawżaw livell oġhla ta' iżolament u distakk diġitali possibbli bejn iż-żoni rurali u urbani. L-aċċess diġitali, il-ħiliet rilevanti għall-impjiegi u diġitali jistgħu jaġixxu bħala katalizzatur għall-awtonomizzazzjoni u l-inklużjoni lokalizzati.^{34,35} Għaż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg u taħriġ (NEETs), dawn l-ostakli jistgħu jkunu partikolarment detrimental, peress li l-konnettività diġitali limitata tkompli tillimita l-kapaċità tagħhom li jfittxu opportunitajiet ta' edukazzjoni, impjeg u taħriġ, u b'hekk jaggravaw l-iżolament soċjali u ekonomiku tagħhom. L-indirizzar tad-distakk diġitali huwa essenzjali biex iż-żgħażaġh NEET jiġu involuti mill-ġdid u jiġu mġhammra bil-ħiliet meħtieġa biex jipparteċipaw fil-forza tax-xogħol moderna. Il-Garanzija għaż-Żgħażaġh³⁶ imsaħħa tenfasizza l-importanza li jiġu appoġġati ż-żgħażaġh, speċjalment in-NEETs, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol lokalment, anke f'żoni rurali u remoti billi jiġi żgurat li jeżistu l-opportunitajiet meħtieġa fil-livell lokali u reġjonali u b'hekk ikun aktar faċli għalihom li jibqgħu f'dawn iż-żoni.

³² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa (Komunikazzjoni dwar l-Isfruttar tat-talent), COM/2023/32 final, 2023.

³³ Letta, E. (2024), Much more than a market, Speed, Security, Solidarity Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens, April 2024.

³⁴ Komunikazzjoni dwar l-LTVRA.

³⁵ Komunikazzjoni dwar id-9a Rapport ta' Koeżjoni u d-Disà Rapport dwar il-Koeżjoni.

³⁶ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2020/C 372/01).

21. F'ħafna żoni rurali u remoti madwar l-Ewropa, iż-żgħażaġh, speċjalment in-nisa u ż-żgħażaġh li jgħixu b'diżabilità, jiffaċċjaw disparitajiet meta mqabbla ma' żoni urbani fl-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali u għal opportunitajiet ta' taġħlim informali u jiltaqgħu ma' ostakli sinifikanti għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom. Aċċess u disponibbiltà limitati għal programmi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja mhux biss jaggravaw id-distakk fil-ħiliet iżda jistgħu jwasslu wkoll għal eżodu ta' mħuħ u żieda fir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh rurali li jsibuha diffiċli biex isibu impjiegi rilevanti għall-kwalifiki tagħhom fil-qasam tagħhom.
22. L-aċċess għal informazzjoni lokali u komprensiva dwar il-programmi lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE u l-opportunitajiet ta' finanzjament huwa essenzjali għall-iżvilupp u t-tisħiħ taż-żgħażaġh rurali. L-ostakli lingwistiċi vertikali u orizzontali jistgħu jfixxlu l-kapaċità tagħhom li jifhmu u jinnavigaw dawn id-dokumenti b'mod effettiv, u b'hekk jillimitaw l-aċċess taż-żgħażaġh rurali għall-inizjattivi tal-UE³⁷³⁸. It-tixrid effettiv tal-informazzjoni jista' jiġi appoġġat minn kollaborazzjoni intersettorjali, li tgħin biex jingħelbu dawn l-ostakli u trawwem il-bini tal-kapaċità u n-networks lokali. Dan huwa ta' importanza kbira biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ekwa u jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-programmi tal-UE bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u LEADER, u l-opportunitajiet ta' finanzjament għaż-żgħażaġh rurali madwar l-Ewropa fil-livelli kollha.
23. Il-fatturi ġeografiċi jistgħu jfixxlu l-aċċess taż-żgħażaġh għall-impjiegi u opportunitajiet ta' akkomodazzjoni affordabbli u konnettività aħjar, u joħolqu stat ta' inċertezza, dipendenza akbar fuq ir-riżorsi finanzjarji u incenċiv għall-mobbiltà u l-urbanizzazzjoni lokalment.

³⁷ Moxon D., Bárta O. (2024). EUYD10 Results of the Consultation Phase: We Need Youth. DOI: 10.5281/zenodo.10656746.

³⁸ Il-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE jissemma fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM (2021) 345 final.

24. Il-komunitajiet rurali taż-żgħażaġh jistgħu jiffaċċjaw sfidi, bħal kisba ta' livell edukattiv aktar baxx, qgħad, jew nuqqas ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. Barra minn hekk, aċċess inadegwat għall-ħidma fost iż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-ispazji komunitarji u l-attivitajiet soċjali, kulturali, sportivi u ta' divertiment ta' kwalità jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fil-ħolqien, is-sħubija jew iż-żamma ta' komunitajiet. Dawn il-fatturi jistgħu jnaqqsu l-opportunitajiet għal interazzjonijiet soċjali li jistgħu jirriżultaw f'effetti negattivi fuq il-benesseri, is-sentimenti ta' iżolament, is-solitudni u potenzjalment iwasslu għal sistemi ta' appoġġ dgħajfa.
25. Iż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti jistgħu jkunu suxxettibbli għal servizzi ta' appoġġ insuffiċjenti inkluż fil-qasam tas-saħħa mentali³⁹. Il-kwistjonijiet tas-saħħa mentali jista' jkollhom effett negattiv fuq l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-sigurtà soċjali tagħhom. Dawn jinkludu sens ta' esklużjoni, li jirriżulta f'sentimenti negattivi ta' iżolament; bullying u fastidju online u offline mill-pari; l-użu eċċessiv tal-media, l-biża' li nitilfu xi ħaġa u ż-żieda fl-esponiment għad-dipendenzi. Fl-istess ħin, dawn iż-żgħażaġh ma għandhomx aċċess għal strutturi li jistgħu jgħinuhom jevitaw u jirkupraw minn dan it-theddid, u b'riżultat ta' dan, l-ansjetà u d-dipressjoni jipersistu u ħafna kwistjonijiet ta' saħħa mentali ma jigħux ittrattati.
26. Firxa wiesgħa ta' fatturi jiddeterminaw il-lonġevità tajba għas-saħħa, inkluż il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, it-tipi ta' impjieg u l-ambjent tal-madwar. Għalkemm iż-żoni rurali joffru benefiċċji għas-saħħa, bħal kwalità tal-arja aħjar u prossimità għan-natura, ir-reġjuni urbani tipikament ikollhom għadd u varjetà akbar ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa⁴⁰. In-nuqqas ta' servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità huwa assoċjat ma' diffikultajiet fil-prevenzjoni u t-trattament tal-problemi tas-saħħa. Barra minn hekk, filwaqt li l-agrikoltura tipprovdi bosta opportunitajiet ta' impjieg f'ħafna żoni rurali, impjiegi bħall-biedja jista' jkollhom effett perikoluż jew detrimental fuq is-saħħa fiżika⁴¹. Għalhekk huwa essenzjali li jsir investiment f'teknoloġija li tiffranka x-xogħol u li ttejjeb ix-xogħol.

³⁹ Il-Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali COM(2023) 298 final.

⁴⁰ Eurostat regional yearbook 2023.

⁴¹ EU CAP Network: Supporting the health and well-being of Europe's agricultural workforce, Policy Insight, June 2023.

27. Iż-żgħażaġh b'diżabilità li jgħixu f'żoni rurali u remoti jistgħu jiffaċċjaw ostakli sinifikanti li jħallu impatt fuq il-kwalità tal-ħajja u l-opportunitajiet tagħhom, bħal aċċess limitat għal edukazzjoni u taħriġ inklużivi u ta' kwalità għolja, kura tas-saħħa speċjalizzata, kif ukoll trasport u konnettività inadegwati. Dawn l-isfidi jenfasizzaw il-ħtieġa għal azzjonijiet immirati biex jappoġġawhom aħjar^{42,43}.
28. Għalkemm iż-żgħażaġh rurali, inklużi n-nisa, għandhom potenzjal sinifikanti għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku, dawn jistgħu jiltaqgħu ma' ostakli fl-aċċess għar-riżorsi finanzjarji u fin-navigazzjoni ta' finanzjament kumpless u proċeduri burokratiċi. Għalhekk, mekkaniżmi ta' finanzjament aċċessibbli u ċari, flimkien ma' investimenti mmirati biex jappoġġaw l-intraprenditorija, inkluż il-biedja, fost iż-żgħażaġh rurali jistgħu jkunu kruċjali.^{44,45,46}
29. Iż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti huma suxxettibbli li jiltaqgħu ma' sfidi uniċi ta' sostenibbiltà li huma aggravati mill-kriżi klimatika li qed teskala, li għandha impatt sinifikanti fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum. Meta mqabbla mal-kontropartijiet urbani tagħhom, spiss ikunu aktar vulnerabbli għal kwistjonijiet ambjentali jew relatati mal-klima. Dawn jeħtieġu aċċess akbar għal riżorsi u soluzzjonijiet sostenibbli, li jkomplu jintensifikaw il-vulnerabbiltà tagħhom għat-theddid ambjentali. Kif tenfasizza l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli⁴⁷, dan in-nuqqas ta' aċċess mhux biss jimpedixxi l-kapaċità taż-żgħażaġh li jindirizzaw tħassib urġenti dwar is-sostenibbiltà iżda jxekkel ukoll il-kontribut tagħhom għall-mitigazzjoni tal-kriżi klimatika. Barra minn hekk, biex jindirizzaw u jegħlbu b'mod adegwat dawn l-isfidi fl-ambjent tagħhom, jeħtieġu aċċess għal edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali ta' kwalità biex jibnu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa.

⁴² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 (Strateġija tal-UE dwar id-Diżabilità) COM(2021) 101 final.

⁴³ Komunikazzjoni dwar l-LTVRA.

⁴⁴ Komunikazzjoni dwar l-LTVRA.

⁴⁵ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali, Interreg Europe, Policy brief on: How to boost entrepreneurship in rural areas? April 2020.

⁴⁶ Il-Kummissjoni Ewropea: Taking stock of how CAP Strategic Plans contribute to the objectives of the long-term vision for the EU's rural areas, June 2023.

⁴⁷ Nazzjonijiet Uniti: A/RES/70/1, Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development.

30. L-iżvilupp kontinwu permezz tal-parteċipazzjoni tal-popolazzjoni lokali huwa essenzjali għall-iżvilupp rurali, għalhekk hija meħtieġa bażi solida għall-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti. Iż-żgħażaġh rurali għandhom jiġu rikonoxxuti bħala partijiet ikkonċernati ewlenin fl-iżvilupp rurali u l-politiki għandhom jitfasslu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom billi jiżguraw l-involviment u l-influwenza kontinwi tagħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha. Kif identifikat fil-Patt Rurali⁴⁸, l-amplifikazzjoni tal-vuċi taż-żoni rurali u l-ġhoti ta' prijorità oġhla fl-aġenda politika lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE għandhom jiġu definiti bħala objettiv ewlieni.
31. Iż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti jistgħu jservu bħala katalisti għal bidla pożittiva, speċjalment fi ħdan il-komunitajiet tagħhom, billi jixprunaw l-iżvilupp fl-oqsma diġitali, soċjali u ekonomiċi. Madankollu, minkejja l-potenzjal tagħhom, iż-żgħażaġh rurali spiss jiffaċċjaw ostakli sinifikanti biex iwettqu bis-sħiħ il-kapaċitajiet ta' tmexxija tagħhom u jaċċessaw opportunitajiet ta' tkabbir. Huwa essenzjali li jingħelbu dawn l-isfidi biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' tmexxija taż-żgħażaġh rurali u jingħataw is-setgħa li jixprunaw l-iżvilupp sostenibbli fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk jitrawmu t-tkabbir inklużiv u r-reżiljenza madwar l-Ewropa.

⁴⁸ Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali: Open letter on the launch of the Rural Pact, 17 ta' Diċembru 2021.

32. Matul il-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Budapest, f'Settembru 2024⁴⁹, iż-żgħażaġh ipproponew li ż-żoni rurali u remoti jsiru aktar vibranti u attraenti għaż-żgħażaġh permezz ta':
- i) Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh rurali, speċjalment dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà ambjentali kif ukoll is-saħħa mentali u fiżika.
 - ii) It-trawwim ta' komunitajiet rurali ta' appoġġ, l-isfida tal-preġudizzju, il-bini ta' dialogu interġenerazzjonali aċċessibbli, u spazji komuni kif ukoll it-tisħiħ tal-viżjonijiet għall-futur.
 - iii) Iż-żieda fl-aċċess għall-infrastruttura, imfassla għall-ħtiġijiet taż-żgħażaġh, bħall-konnettività tal-internet, l-informazzjoni, it-trasport, l-enerġija nadifa, kif ukoll is-servizzi tas-saħħa fiżika u mentali.
 - iv) Is-sensibilizzazzjoni dwar perkorsi alternattivi ta' impjieg bħax-xogħol mill-bogħod u l-biedja innovattiva.
33. Fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Budapest⁵⁰, iż-żgħażaġh enfasizzaw ukoll li l-istrumenti tal-UE, nazzjonali u lokali għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet, ir-realtajiet, il-kapaċitajiet u r-riżorsi taż-żgħażaġh minn żoni rurali u remoti u
- i) Jipprovdu appoġġ għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-iżvilupp rurali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet pereżempju permezz ta' ambaxxaturi taż-żgħażaġh, bordijiet konsultattivi, kunsilli lokali taż-żgħażaġh u bbaġitjar parteċipattiv.
 - ii) Jappoġġaw l-intraprenditorija rurali inkluż il-biedja permezz ta' sensibilizzazzjoni dwar il-programmi eżistenti tal-UE u daww nazzjonali, il-mentoraġġ, il-promozzjoni tat-trasformazzjoni diġitali u t-trawwim tal-użu ta' inċentivi finanzjarji bħal ħelsien mit-taxxa jew opportunitajiet ta' kofinanzjament.

⁴⁹ Bárta O., Moxon D. (2024). EUYD10 EU Youth Conference in Budapest, Hungary. Final Conference Report. DOI: 10.5281/zenodo.13836827.

⁵⁰ Bárta O., Moxon D. (2024). EUYD10 EU Youth Conference in Budapest, Hungary. Final Conference Report. DOI: 10.5281/zenodo.13836827.

- iii) Jippromwovu pjattaformi adattati għaż-żgħażaġh biex jaċċessaw informazzjoni dwar programmi taż-żgħażaġh, opportunitajiet ta' impjieġ ta' kwalità u finanzjament kif ukoll iniedu kampanja madwar l-UE kollha biex jitrawwem aċċess ugwali għax-xogħol.
- iv) Jinkoraġġixxu opportunitajiet ta' taġlim ta' kwalità u inizjattivi taż-żgħażaġh li jwessgħu l-esperjenzi taż-żgħażaġh rurali, bħal skambji taż-żgħażaġh urbani-rurali, proġetti klimatiċi, persuni mobbli li jaħdmu maż-żgħażaġh u persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh fir-rigward ta' sensibilizzazzjoni, kif ukoll l-involviment f'organizzazzjonijiet rurali taż-żgħażaġh.
- v) Itejbu l-aċċess għas-servizzi u l-informazzjoni relatati mas-saħħa mentali permezz ta' azzjoni lokali ta' ispirazzjoni u jrawmu d-djalogu dwar l-opportunitajiet u l-faċilitajiet ta' finanzjament eżistenti.

GĦALDAQSTANT JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI FIL-LIVELLI ADATTI, BIEX:

- 34. Fejn xieraq, jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni, l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-iżgurar ta' aċċess lokali ġust u ugwali għaż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti għall-infrastruttura, l-informazzjoni, il-konnettività u s-servizzi flimkien ma' miżuri biex tittejjeb l-aċċessibbiltà relatata mal-ħajja taġġhom ta' kuljum.
- 35. Iżidu l-isforzi biex itejbu d-disponibbiltà tal-infrastruttura u s-servizzi diġitali u l-aċċess għalihom f'żoni rurali u remoti, speċjalment billi jipprovdu appoġġ għal apparat elettroniku u kwistjonijiet diġitali oħra, jibnu kopertura tal-broadband ta' kwalità għolja, itejbu l-kompetenzi diġitali u s-sikurezza ċibernetika, u jikkondividu prattiki tajbin bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali fejn rilevanti⁵¹.

⁵¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 - Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali, COM/2020/624 final.

36. Jappoġġaw aktar il-kollaborazzjoni intersettorjali bejn il-faċilitajiet edukattivi, tat-taħriġ, soċjali, tal-kura tas-saħħa, kulturali, taż-żgħażaġh, tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, tal-isport u tad-divertiment ta' kwalità lokali li ż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti jistgħu jibbenefikaw minnhom biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi ta' żvilupp personali u benesseri fil-kuntast tagħhom filwaqt li jrawmu wkoll l-aċċessibbiltà fiżika u diġitali għal dawn il-faċilitajiet u servizzi relatati⁵².
37. Jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet, speċjalment f'żoni rurali u remoti fil-livell lokali, biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh rurali, billi, per eżempju, jistabbilixxu kunsilli taż-żgħażaġh u proċessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jistgħu jservu bħala konsultattivi, u jistabbilixxu korpi u inizjattivi konsultattivi. Dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-involvement effettiv taż-żgħażaġh fil-proċessi kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-oqsma li jaffettwawhom l-aktar, bħal kwistjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, l-infrastruttura, l-akkomodazzjoni, il-konnettività, il-kura tas-saħħa (speċjalment is-saħħa mentali) u l-ambjent u jistgħu jsaħħu l-fiduċja fil-proċessi demokratiċi.
38. Jippromwovu l-istabbiliment u l-funzjonament ta' ċentri u spazji għaż-żgħażaġh sikuri u inklużivi f'żoni rurali u remoti, u fejn rilevanti jiffaċilitaw l-appoġġ kontinwu taċ-ċentri taż-żgħażaġh sikuri u inklużivi diġà eżistenti u l-interazzjoni interġenerazzjonali. Ikomplu jsaħħu l-inizjattivi u l-programmi biex jagħtu s-setgħa u jappoġġaw il-forom kollha ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh sabiex jirrikonoxxu r-rwol kruċjali tagħhom biex jilhqqu liż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti u f'reġjuni ultraperiferiċi.
39. Jinkoraġġixxu d-djalogu lokali dwar l-iżvilupp rurali biex jiddiskutu l-futur taż-żona u soluzzjonijiet sostenibbli, li jlaqqgħu flimkien liż-żgħażaġh, lill-istituzzjonijiet li jirrappreżentaw oqsma ta' politika differenti flimkien mal-awtoritajiet lokali, kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati soċjali u ekonomiċi biex jirriflettu l-ambizzjoni tal-viżjoni fit-tul tal-Kummissjoni għaż-żoni rurali tal-UE⁵³.

⁵² Komunikazzjoni dwar l-LTVRA.

⁵³ Komunikazzjoni dwar l-LTVRA.

40. Jippromwovu inizjattivi ta' appoġġ għat-talent li jadottaw approċċ komprensiv għat-trawwim u l-isfruttar tat-talenti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, billi jħarrġu persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, edukaturi u professjonisti biex jirrikonossu t-talenti differenti taż-żgħażaġh. Jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh biex jiżviluppaw il-ħiliet, it-talenti u l-kapaċitajiet tagħhom, irrispettivament mill-ostakli partikolari li jistgħu jiffaċċaw f'żoni rurali u remoti.⁵⁴
41. Jinkoraġġixxu l-impjieġ taż-żgħażaġh lokali u, fejn rilevanti, reġjonali, inkluż miżuri mmirati lejn dawk iż-żgħażaġh li mhumiex f'impjieġ, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs), billi jqajmu kuxjenza u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' kollokamenti u prospetti diversi f'impjieġi f'żoni rurali u remoti, b'enfasi fuq id-diversifikazzjoni u l-iżvilupp ta' opportunitajiet f'setturi differenti, bħall-agrikoltura, il-manifattura, il-qasam diġitali, l-adattament għat-tibdil fil-klima u s-servizzi, u jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u programmi ta' taħriġ imfassla apposta għall-attivitajiet ekonomiċi lokali.
42. Irawmu l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa f'żoni rurali u remoti pereżempju billi jimmappjaw is-servizzi disponibbli għaż-żgħażaġh, jindirizzaw il-lakuni permezz ta' servizzi mobbli u online, jew one-stop shops.
43. Jesploraw modi biex jattiraw u jżommu liż-żgħażaġh li ġejjin minn żoni rurali u remoti, b'attenzjoni speċjali għan-nisa żgħażaġh, f'komunitajiet biex jiżguraw il-prosperità ekonomika u l-vitalità fit-tul tagħhom, u jikkunsidraw, fejn xieraq, mezzi transsettorjali biex jappoġġawhom.

⁵⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar l-isfruttar tat-talent, COM(2023) 32 final.

44. Jesploraw u jappoġġaw inizzjattivi mmirati lejn il-kooperazzjoni u s-solidarjetà interġenerazzjonali, billi jiffaċilitaw id-djalogi u jipprovdu informazzjoni fil-fond dwar prattiki tajbin, biex jagħmluha aktar faċli għaż-żgħażaġh rurali biex jirnexxu lokalment.
45. Jiżviluppaw, itejbu u jżommu programmi ta' appoġġ għas-saħħa fiżika u mentali mfassla għall-ħtiġijiet taż-żgħażaġh f'komunitajiet rurali u remoti, billi jipprovdu kemm networks ta' appoġġ online kif ukoll offline, bħal pereżempju, servizzi psikoloġiċi u servizzi preventivi oħra fl-iskejjel u fiċ-ċentri taż-żgħażaġh, biex jiġġieldu l-bullying u l-vizzji.

GĦALDAQSTANT JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

46. tesplora modi biex tiffaċilita l-aċċess għall-inizzjattivi u l-istrumenti tal-UE mmirati lejn iż-żgħażaġh rurali b'enfasi fuq l-eliminazzjoni tal-ostakli lingwistiċi u amministrattivi. Fejn meħtieġ, tissimplifika l-formulazzjoni biex tkun aktar adatta għaż-żgħażaġh u tnaqqas il-piżijiet burokratiċi bla bżonn, filwaqt li tiżgura li ż-żgħażaġh rurali jkunu jistgħu jaċċessaw aktar faċilment dawn il-mekkaniżmi ta' appoġġ u l-informazzjoni fost l-oħrajn permezz tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ. L-informazzjoni u l-istrumenti għandhom jiġu pprovduti wkoll f'formati li jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh b'diżabilità.
47. Fil-qafas tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh, ittejjeb il-viżibbiltà taż-żgħażaġh rurali fil-programmi tal-UE b'komponent taż-żgħażaġh u fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għal wara l-2027 u tagħmel użu mit-Test taż-Żgħażaġħ fil-livell Ewropew, fejn xieraq, meta tfassal azzjonijiet speċifiċi u konkreti, immirati lejn iż-żgħażaġh kollha, inkluż dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti.

48. Tesplora opportunitajiet biex tindirizza aħjar u timmassimizza l-użu tal-mekkaniżmi finanzjarji eżistenti u, fejn xieraq, il-possibbiltajiet li l-inizjattivi jiġu ffukati mill-ġdid f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jgħinu lill-intraprendituri rurali żgħażaġh, inkluż fost l-oħrajn lill-bdiewa żgħażaġh biex jibdew, iżommu u jespandu n-negozji tagħhom, filwaqt li tqis ukoll il-limitazzjonijiet strutturali li jaf jiffaċċaw f'termini ta' aċċess għar-riżorsi finanzjarji. Barra minn hekk, tippromwovi għodod eżistenti bħas-Sett ta' Għodod Rurali⁵⁵, fost iż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti u tappoġġa l-koooperazzjoni fost l-imprendituri kollha f'żoni rurali u remoti. Dan jgħin biex jiġu żgurati opportunitajiet ta' impjieg futuri fiż-żoni rurali, filwaqt li titrawwem ir-reżiljenza u l-vitalità ekonomika.
49. Tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali, inkluż il-verifika rurali billi tivvaluta l-impatt antiċipat ta' inizjattivi ewlenin tal-UE fuq iż-żoni rurali u remoti u tinkoraġġixxi approċċi simili fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali bl-għan li jiġu żgurati l-koerenza, il-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-politiki u l-istrumenti li jkopru kwistjonijiet ta' importanza għaż-żoni rurali.
50. Tkompli tibni l-għarfien u twettaq riċerka bbażata fuq l-evidenza dwar iż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti bl-użu ta' għodod eżistenti bħall-Wiki taż-Żgħażaġħ u l-istudji f'kollaborazzjoni mas-Sħubija taż-Żgħażaġħ UE-Kunsill tal-Ewropa, fost l-oħrajn.
51. Tkompli tagħmel sforzi biex tqajjem kuxjenza u żżid il-parteċipazzjoni ta' gruppi possibbilment sottorappreżentati, bħal żgħażaġh f'żoni rurali u remoti, fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u f'inizjattivi rilevanti oħra tal-UE bħal, l-inizjattiva taż-Żgħażaġħ Voluntiera tal-Interreg (IVY), l-inizjattiva EUTeens4Green u l-proġett Youth4Outermostregions.

⁵⁵ Komunikazzjoni dwar l-LTVRA.

GĦALDAQSTANT JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA,
BIR-RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

52. Jenfasizzaw u jirrikonoxxu r-rwol strateġiku taż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti fil-kisba ta' tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva, fiż-żamma tas-sigurtà tal-ikel u tal-klima, billi jippromwovu l-bijodiversità u r-rivitalizzazzjoni rurali, joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja, u jinvolvu liż-żgħażaġh fit-trasformazzjoni.⁵⁶
53. Jipprovdu opportunitajiet għal apprendiment ekwu tal-lingwi billi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi, l-opportunitajiet ta' taġħlim formali, mhux formali u informali u t-taħriġ lingwistiku applikabbli li jiffoka fuq il-lingwaġġ ta' kuljum.
54. F'kooperazzjoni mas-setturi rilevanti jsaħħu l-kundizzjonijiet għaż-żgħażaġh biex jirnexxu lokalment permezz ta' inizjattivi ta' appoġġ li jużaw b'mod effettiv ir-riżorsi u l-infrastruttura lokali biex joħolqu għajxien sostenibbli f'żoni rurali u remoti, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' akkomodazzjoni adegwati mfassla għall-ħtiġijiet taż-żgħażaġh li jgħixu f'dawn iż-żoni.
55. Jippromwovu b'mod effettiv it-tiġdid generazzjonali⁵⁷ u jappoġġaw lill-intraprendituri żgħażaġh, inkluż fost l-oħrajn il-bdiewa żgħażaġh f'żoni rurali u remoti billi jtejbu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-appoġġ għan-negozji ġodda. Jipprovdu informazzjoni mmirata, aċċess għall-ispazju, l-infrastruttura, l-appoġġ finanzjarju u r-riżorsi, kif ukoll aċċess għal programmi ta' taħriġ u mentoraġġ li jippermettu lill-intraprendituri aspiranti, inkluż fost l-oħrajn bdiewa żgħażaġh biex jegħlbu l-ostakli inizjali u jibdew l-attività taġħhom b'fiduċja, u b'hekk jagħtu haġja ġdida lill-ekonomiji rurali u jrawmu l-iżvilupp sostenibbli u l-innovazzjoni madwar l-Ewropa.

⁵⁶ Food Security Information Network (FSIN) and Global Network Against Food Crises, 2024 Global report on food crisis 2024. GRFC 2024, Rome.

⁵⁷ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: "Sommarju tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-2023-2027: sforz konġunt u ambizzjoni kollettiva", Brussell, 23.11.2023, COM(2023) 707 final.

56. Isaħħu l-kooperazzjoni intersettorjali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali b'enfasi akbar fuq it-titjib tal-ħiliet u l-iżvilupp tar-riżorsi umani, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u ż-żieda tad-disponibbiltà ta' faċilitajiet u l-aċċess għalihom u tagħmir għall-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ fl-oqsma li qed jiffaċċaw l-aktar diffikultajiet.
57. Jiżguraw il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġħ rurali u tal-organizzazzjonijiet rilevanti fid-diskussjonijiet ta' politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE billi jaħdmu flimkien meta jfasslu, jimplimentaw u jevalwaw il-politiki rilevanti u fejn possibbli jipprovdu data komprensiva aġġornata u diżaggregata dwar iż-żgħażaġħ rurali, inkluż fost l-oħrajn il-bdiewa żgħażaġħ, u b'hekk jippermettu lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jindirizzaw aħjar il-politiki u l-interventi u joħolqu soluzzjonijiet imfassla apposta għalihom. Jieħdu miżuri xierqa biex jirribattu l-impatt tax-xejriet demografiċi negattivi li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażaġħ li jgħixu f'żoni rurali u remoti, inkluż fost l-oħrajn il-bdiewa żgħażaġħ.
58. Isaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera u l-istrumenti tal-UE fil-qasam tas-saħħa mentali u fiżika billi jħeġġu r-riċerka dwar is-saħħa mentali, jiżviluppaw metodi kondiviżi ta' monitoraġġ u prevenzjoni għal territorji inqas żviluppati, u jikkondividu Prattiki tajbin dwar il-proliferazzjoni tas-servizzi tas-saħħa mentali f'żoni rurali u remoti.

Definizzjonijiet għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet:

"Żoni rurali" huma komunitajiet amministrattivi lokali li ma jagħmlux parti minn raggruppamenti urbani, l-aktar ikkaratterizzati minn densità tal-popolazzjoni aktar baxxa, stampa soċjoġeografika u kulturali speċifika, qrubija tar-riżorsi naturali u għalhekk prospetti ekonomiċi differenti, filwaqt li fl-istess ħin għandhom ħtiġijiet identifikati biex jittejbu aktar is-servizzi speċifiċi mmirati lejn iż-żgħażaġh kif ukoll lejn il-popolazzjoni ġenerali.

Indikaturi tal-"kwalità tal-ħajja" jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti/dimensjonijiet, inkluż il-kundizzjonijiet materjali tal-ġħajxien, l-impjieg, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-interazzjonijiet soċjali, is-sikurezza u s-sigurtà, il-fiduċja, id-diskriminazzjoni u l-ambjent.

"Verifika rurali" tfisser ir-rieżami tal-politiki permezz ta' lenti rurali, biex dawn il-politiki jkunu adegwati għall-finijiet tagħhom għal dawk li jgħixu u jaħdmu f'żoni rurali. Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet mekkaniżmu ta' verifika rurali bħala parti mill-aġenda ta' "Regolamentazzjoni aħjar", biex tivvaluta l-impatt ta' inizjattivi leġislattivi ewlenin tal-UE fuq iż-żoni rurali.

"Rivitalizzazzjoni rurali" hija mod kif iż-żoni rurali jiġu ttrasformati b'mod pożittiv għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Ir-"ruralità" spiss ma tiġix definita, madankollu, għall-fini ta' dan id-dokument, ir-ruralità tikkonsisti f'żewġ livelli ġeografiċi: żoni rurali (klassifikazzjoni tal-livell tal-Unità Amministrattiva Lokali (LAU)) u reġjun predominantement rurali (klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika tal-livell 3 (NUTS-3)). Kemm iż-żoni rurali kif ukoll ir-reġjuni li fil-biċċa l-kbira huma rurali huma definiti bl-istess mod: il-maġġoranza tal-popolazzjoni tagħhom tgħix f'ċelluli ta' grilja rurali. Il-klassifikazzjoni tal-LAU tiddefinixxi l-grad ta' urbanizzazzjoni u l-klassifikazzjoni tar-reġjuni fil-livell NUTS-3 tirreferi għat-tipoloġija reġjonali urbana-rurali.

"Żoni remoti" huma komunitajiet amministrattivi lokali u reġjonali, l-aktar barra minn raggruppamenti urbani, ikkaratterizzati minn aċċess fiżiku diffiċli, prinċipalment minħabba d-distakk ġeografiku/naturali (gżejjer u/jew muntanji, fost l-oħrajn) flimkien ma' trasport pubbliku limitat jew inqas frekwenti u/jew diffikultajiet fil-konnettività diġitali. Dawn iż-żoni jistgħu jaqsmu l-istess karatteristiċi taż-"żoni rurali" definiti hawn fuq. Ir-regġuni ultraperiferiċi tal-UE kif stipulat fl-Artikolu 349 TFUE jitqiesu wkoll bħala żoni remoti.

"Glokali" tiddekrivi l-integrazzjoni bla xkiel bejn il-livell lokali u dak globali; il-konnettività komprensiva prodotta mill-ivvjaġġar, min-negozju u mill-komunikazzjonijiet, kif ukoll ir-rieda u l-kapaċità li wieħed jaħseb globalment u jaġixxi lokalment. "Il-kunċett ta' globalizzazzjoni jaqbad id-dinamika, il-kontinġent, u d-djalettiku bidirezzjonali bejn id-dinja u l-lokal" (traduzzjoni mhux uffiċjali) (Swyngedouw (2004)). Uħud mill-aktar xejriet globali urġenti li jaffettwaw liż-żgħażaġh jinkludu t-tibdil fil-klima, li jħalli impatt sproporzjonat fuq il-komunitajiet rurali u l-ġhajxien agrikolu, u ż-żieda fit-teknoloġiji diġitali, li jgħolqu kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi f'termini ta' kompetenzi diġitali, aċċess għall-edukazzjoni, u impjiegi. Barra minn hekk, l-inugwaljanza ekonomika u l-qgħad fost iż-żgħażaġh huma sfidi globali, li spiss jeħtieġu innovazzjoni lokali fil-ħolqien tal-impjiegi, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-intraprenditorija. Kwistjonijiet ta' saħħa mentali, aggravati minn kriżijiet globali u pressjonijiet soċjetali, jeħtieġu wkoll approċċi sensittivi lokalment għall-appoġġ u l-bini tar-reżiljenza. Barra minn hekk, l-ispinta kontinwa għall-ġustizzja soċjali u l-inklużività teħtieġ soluzzjonijiet imfassla apposta biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, disparitajiet razzjali, u aċċess għar-riżorsi, li jirriflettu d-dinamika kulturali u soċjali unika f'reġjuni differenti. Billi jindirizzaw dawn l-isfidi globali permezz ta' strateġiji rilevanti lokalment, iż-żgħażaġh jistgħu jisfruttaw il-potenzjal tal-globalizzazzjoni biex jgħolqu futuri sostenibbli u reżiljenti fil-komunitajiet tagħhom.

"Nassa tal-iżvilupp tat-talenti", kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Isfruttar tat-Talent fir-Reġjuni tal-Ewropa, tirreferi għal sfida multidimensjonali li jiffaċċaw xi reġjuni tal-UE li jesperjenzaw tnaqqis qawwi fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tagħhom, sehem baxx u staġnat ta' gradwati tal-edukazzjoni għolja u mobbiltà negattiva tal-popolazzjoni tagħhom ta' bejn il-15 u d-39 sena. Dawn jirriżultaw f'ineffċjenzi fl-ekonomiji lokali, fis-swieq tax-xogħol, fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fis-sistemi tat-tagħlim għall-adulti, kif ukoll fi prestazzjoni baxxa fl-innovazzjoni, fil-governanza, fl-iżvilupp tan-negozju, u fl-aċċess għas-servizzi.

"Ostakli lingwistiċi vertikali u orizzontali" tiddekrivi l-kumplessità tal-ostakli lingwistiċi li jiffaċċaw ħafna żgħażaġ rurali. Is-segment orizzontali jiffoka fuq in-nuqqas ta' aċċess adegwat għall-edukazzjoni tal-lingwi barranin, filwaqt li s-segment vertikali jenfasizza d-diffikultà li wieħed jifhem il-lingwa kumplessa li fih huma disponibbli xi riżorsi, kif ukoll in-nuqqas ta' kliem adattat għaż-żgħażaġ.

Referenzi

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018.
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 189, 5.6.2019.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti, ĠU C 193, 9.6.2020.
- Konklużjonijiet dwar Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE (LTVRA), 15631/23.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar soċjetajiet inklużivi għaż-żgħażaġh, ĠU C, C/2024/3808, 27.6.2024.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali, 15971/23.
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ 2020/C 372/01.

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 "Ewropa Attiva" — opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd, ĠU C, C/2024/3364.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali taż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea. ĠU C, C/2023/1337, 30.11.2023.

Kunsill Ewropew

- Kunsill Ewropew, Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024, 20 ta' Ġunju 2019.
- Letta, Enrico: Much more than a market – Speed, Security, Solidarity Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens, April 2024.

Kummissjoni Ewropea

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM/2021/345 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM/2021/345 final. Dokument ta' Hídma tal-Persunal (parti 1-3).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE, COM/2022/198 final.

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, L-isfruttar tat-talenti fir-reġjuni tal-Ewropa, COM/2023/32 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, COM/2021/101 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM/2020/698 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025, COM/2020/152 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, COM/2020/565 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, COM/2020/620 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, (Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali) COM(2023) 298 final.

- Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Id-Disa' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali (id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni), Marzu 2024.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-disa' Rapport ta' Koeżjoni COM(2024) 149 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, COM/2023/577 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 - Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali, COM/2020/624 final.
- Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Sommarju eżekuttiv tal-evalwazzjoni tal-impatt tal-Politika Agrikola Komuni fuq l-iżvilupp territorjali taż-żoni rurali {SWD(2021) 398 final}.
- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Interreg Europe: Policy brief on: How to boost entrepreneurship in rural areas? April 2020.
- Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea, Erasmus + Inclusion & Diversity Strategy in the Field of Youth, Diċembru 2014.
- Perpiña Castillo, C., Jacobs-Crisioni, C., Barranco, R., Curtale, R., Kompil, M., Vallecillo, S., Auteri, D. and Dijkstra, L., Opportunities and challenges for remote rural areas in the European Union, Kummissjoni Ewropea, Ispra, 2023, JRC135398.
- Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea: Study on living conditions and access to selected basic needs in the EU outermost regions – 2024: ISBN 978-92-68-11899-3, doi: 10.2776/185784 KN-05-24-084-EN-N.

- Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: "Sommarju tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-2023-2027: sforz konġunt u ambizzjoni kollettiva", Brussell, 23.11.2023, COM(2023) 707 final.
- Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea: Eurostat regional yearbook – 2023, Edition 2023.
- Statistika Online tal-Eurostat: Ewropa urbana-rurali - kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali 2022.
- EU CAP Network: Supporting the health and well-being of Europe's agricultural workforce – Policy Insight, Ġunju 2023.
- Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, "Taking stock of how CAP strategic plans contribution to the objective of the long-term vision for the EU's rural areas", Rapport finali, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni - Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE (COM(2022)198 final).
- Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali: Open letter on the launch of the Rural Pact, 17 ta' Diċembru 2021.

Sħubija taż-Żgħażaġħ UE-Kunsill tal-Ewropa

- Youth Partnership, Young people in rural areas: diverse, ignored and unfulfilled, Marzu 2021.

Nazzjonijiet Uniti

- Nazzjonijiet Uniti, A/RES/70/1, Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development.
- FAO u IFAD. 2019. United Nations Decade of Family Farming 2019-2028. Global Action Plan. Rome.
- Food Security Information Network (FSIN) and Global Network Against Food Crises, 2024 Global report on food crisis 2024. GRFC 2024, Rome.

OECD

- OECD, Recommendation of the Council on creating better opportunities for young people, Laqgħa tal-Kunsill fil-livell Ministerjali, 9-10 ta' Ġunju 2022, JT03497457.

Oħrajn

- Moxon D., Bárta O. (2024). EUYD10 Results of the Consultation Phase: We Need Youth. DOI: 10.5281/zenodo.10656746.
